# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 3 ta' Gunju 2002**

**Avviz. numru 66/02**

**Numru 24**

**Joseph Azzopardi f'ismu proprju bhala socju tas-socjeta "Where's Everybody?"**

**vs**

**Felix Agius**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur pro et nomine talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jkun kundannat prevja dikjarazzjoni illi l-artikolu "Ta' 'Where's Everybody' Jaharbu" ippubblikat f'pagna 6 tal-gazzetta "Kullhadd" fid-9 ta' Dicembru, 2001 (kopja annessa mal-avviz u mmarkata bhala Dok A) li tieghu l-konvenut l-editur, jikkostitwixxi malafama fil-konfront ta' l-attur li l-ghan taghha huwa li ttellef jew tnaqqas ir-reputazzjoni ta' l-istess attur, il-konvenut ihallas lill-attur dik is-somma li tigi likwidata minn dina l-Onorabbli Qorti f'ammont li ma jeccedix il-

hames telef liri maltin (Lm5,000) a tenur ta' l-Artikolu 28 ta' l-Att dwar l-istampa (Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta).

Bl-ispejjes kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat n-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (fol 10 tal-atti) u li biha eccepixxa:

1. Illi, preliminarjament il-konvenut jecepixxi il-lis alibi pendens a tenur ta' l-artikolu 792 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi in linea preliminari wkoll il-konvenut jecepixxi illi l-attur m'ghandux personalita guridika kwindi m'ghandux *standi judicio* fi proceduri legali u li ghaldaqstant il-konvenut ghandu jigi illiberat mill-osservanza tal-gudizzju;

3. Illi l-artikolu in kwistjoni mhuwiex libelluz fil-konfront ta' l-attur;

4. Illi bla pregudizzju ghas-sueccepit il-fatti imsemmija jikkonsistu f'rappurtagg gurnalistiku dwar kwistjonijiet ta' interess pubbliku accettabli f'socjeta demokratika, kemm taht il-ligijiet ta' l-istampa kif ukoll taht il-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Libertajiet Fondamentali u d-Drittijiet tal-Bniedem;

5. Illi in kwantu l-artikolu jikkontjeni kummenti, dawn jikkonsisti f'*fair comment* maghmul in buona fede dwar fatti sostanzjalment veru u fuq kwistjoni ta' interess pubbliku, accettabbli f'socjeta demokratika kif ukoll taht il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi hawnhekk ser jigu decisi <u>l-ewwel u t-tieni eccezzjoni</u> sottomessi mill-konvenut stante li dawn huma ta‘ natura preliminari.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, in rigward l-istess eccezzjonijiet, kif risultanti a fol 22 tal-atti, il-partijiet inghataw l-opportunita' sabiex jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub sad-dati hemm specifikati.  Pero' sallum il-konvenut ghadu ma ssottomettiex in-nota tieghu waqt li l-attur pro

et nomine issottometta n-nota tal-osservazzjonijiet tieghu oltre it-terminu prefiss. In rigward dan il-punt, kif jidher mill-istess verbal tas-seduta tad-29 ta' April 2002, kien l-istess konvenut li kellu jissottometti l-ewwel nota waqt li l-attur pro et noe kellu jippresenta n-nota responsiva relattiva. Minhabba dan in-nuqqas da parti tal-konvenut, ser tigi annessa, in atti, in–nota tardiva sottomessa mill-attur pro et nomine.

Ikkunsidrat

Illi, maghmulin dawn il-konsiderazzjonijiet, in rigward l-eccezzjoni ta' "lis alibi pendens" kif hemm stipulat fl-artikoli 792 sa 794 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta f'kaz li din tigi akkolta.

a) "…. Il-kawza mressqa l-ahhar tista tigi mibghuta lil dik il-Qorti l-ohra (art 792);
b) Dan jsehh "meta titressaq kawza quddiem qorti kompetenti wara l llum tressqet kawza ohra fuq l-istess oggett quddiem qorti kompetenti ohra" (art 792);

Ikkunsidrat

Illi, il-konvenut ippresenta kopji tal-kawzi kollha li ghalihom tirreferi din l-eccezzjoni (fol 16 sa fol 19 tal-atti). Dawn rispettivament ghandhom in-numru 63/02SM, 64/02DM, 65/02MM u 66/02JAB, din tal-ahhar dik in esami waqt li t-tlieta l-ohra quddiem din il-Qorti, kif diversament presjeduta.

Illi, mill-kopji tal-avviz numru 64/02DM u 65/02MM jidher li dawn il-kawzi gew intavolati, bhala atturi minn Paul Josef Vassallo u Lou Bondi separatament u f'isimhom proprju biss.

Illi, in rigward l-avviz numru 63/02SM, din il-kawza saret mis-socjeta' civili "Where's Everybody" regolata mill-artikoli relattivi tal-Kodici Civili (ara artikolu 1644 et). Skond l-att pubbliku kostituttiv (ara fol 13 u 14 tal-atti) "….. the partnership shall be a body corporate capable of entering into contracts …….. of sueing and being sued ……".

Ikkunsidrat

Illi in rigward l-istess avviz numru 63/02 jinghad, ukoll, li l-meritu tieghu hu basat fuq l-artikoli 29 tal-Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta' Malta ossija "ingurja tal-isem u malafama ta' negozju bl-isem "Where's Everbody" ".

Ikkunsidrat

Illi, ghalhekk, f'dan il-kaz, ma tarax illi ghandha takkolji din l-eccezzjoni li timplika, biss, li l-atti jintbaghtu "lil dik il-Qorti l-ohra" kif hawn fuq citat.

Ikkunsidrat

Illi, in rigward it-tieni eccezzjoni kif proposta, ma hemm ebda dubbju li l-attur ghandu personalita' guridika.  In oltre l-istess ghandu jinghad in rigward is-socjeta civili involuta li ghandha ukoll, personalita guridika, separatament mill-membri taghha. Ghalhekk l-azzjoni kif prosposta ghandha tigi kunsiderata valida, kemm fil-fatt kemm fid-dritt.

Ghal dawn il-motivi, tichad iz-zewg eccezzjonijiet in esami u tordna li l-kawza titkompla tinstema' fuq il-meritu taghha skond il-ligi.

Bl-ispejjes riservati.

Alan Calleja
Deputat Registratur